

# Bandisti Antiki

*Tagħrif miġbur minn Vince Peresso*
*Moqri nhar Jum is-Soċjetà 2008*

Daqs għoxrin sena ilu kont spiss inpoġġi bil-qegħda fuq l-għatba tal-bieb ta' barra għand Giovann Gatt biex ngħamillu kumpanija. Billi kien jaf li kont qed inqalleb fl-arkivji tal-każin fir-riċerka li kont qed nagħmel dwar l-istorja tas-Soċjeta, qalli li għandu lista ta' bandisti antiki. Tlabthielu biex nagħmel kopja tagħha u l-għada ġabhieli. Fil-fatt kienu żewġ listi. L-ewwel waħda turi bandisti tal-Banda Pinto mill-1905 sal-1920 u fiha hemm 51 bandisti. It-tieni lista hi akbar għax tkopri is-snin 1920 sal-1975 u fiha hemm 161 bandist tal-post mas-Soċjeta Filarmonika Pinto. Dawn il-listi oriġinarji flimkien ma' dokumenti oħra illum jinsabu għand ibnu Ġorġ li nħeġġu biex isib l-opportunita u jippreżenta dan il-materjal lis-Soċjeta ħalli jinżamm fl-arkivji tagħha.

Ngħid is-sewwa dak iż-żmien tkellimt xi ftit ma' Giovann dwar x'uħud mill-bandisti imma imbagħad il-kopji tal-listi arkivjajthom mal-materjal l-ieħor li għandi d-dar fir-riċerka dwar l-istorja tal-Każin. Imbagħad ftit tax-xhur ilu bdejt nippreżenta programm fuq ir-Radju Bastjaniżi FM li semmejtu *tal-Qalba, ta' Pinto, ta' San Bastjan.* Il-qofol ta' dan il-programm kienu laqgħat u intervisti ma' nies li ħadmu fis-Soċjeta Filarmonika Pinto. Spiss ukoll tkellimt dwar informazzjoni li jien kont ġbart matul is-snin dwar nies li ħadmu fis-Soċjeta. Hekk tkellimt dwar il-presidenti, is-surmastrijiet, nies fid-diversi karigi tal-Kumitat, benefatturi tas-Soċjeta. Meta ġejt biex nitkellem fuq il-bandisti ħriġt dawn il-listi u bdejt insemmi lil dawn in-nies. L-idea intlaqgħet tajjeb mis-semmiegħa u għalhekk iddeċidejt li nippublika dawn il-listi fil-ktieb tal-festa, bil-għan li jkollna tifkira u turija ta' ħajr lil dawn in-nies li żammew ħajja lis-Soċjeta tul dawn il-146 sena tagħha.

Li hemm interessanti f'dawn il-listi hu li Giovann niżżel l-ismijiet u l-istrument li kienu jdoqqu imma mhux biss għax niżżel ukoll il-laqam. Issa l-laqam f'Ħal Qormi, u biex ngħid is-sewwa mhux f'Ħal Qormi biss, jagħti ħafna tagħrif dwar l-identità tan-nies. Permezz tal-laqam tkun taf mhux biss il-familja imma ukoll juruk il-familja iktar mifruxa fir-razza u jagħtik kultant ukoll ix-xogħol jew ukoll l-oriġini speċjalment jekk dak li jkun ikun ġie minn xi post ieħor.

Meta flejt b'ċerta reqqa dawn il-listi ndunajt li Giovann ma żammx ordni kronoloġika fit-tfassil tagħhom imma pjuttost mexa fuq il-memorja. Inżommu quddiem għajnejna ukoll li Giovann kellu lil missieru Giorgio li kien kaxxier mill-1906 sal-1944. Barra minn dan Giovann iltaqa' fi tfulitu u f'żgħożitu ma' bosta minn dawn il-bandisti antiki. Terġa' kien ħabib ma' Mikiel Agius ta' Lisa, bandist bħalu, u żgur li miegħu kien jitkellmu fuq dawn in-nies.

Hekk kif tħares lejn il-listi tara laqmijiet li jolqtuk bħala ta' familji Qalbisti. Ejja naraw x'uħud minnhom.

• ***Tat-Tabib:*** Trofimo Naudi kien qarib tat-tabib Salvu Naudi wieħed mill-ewwel presidenti tas-Soċjeta.
• **Tal-Marsa:** hi r-razza ta' Ġużè Muscat Azzopardi li hu wieħed mill-ewlenin membri tas-Soċjeta li tagħha kien sew segretarju kif ukoll President.

• ***Ta' Kalanċ:*** il-familja Pulis li kienet inkarigata mill-bini tal-knisja ż-żgħira bejn l-1880 sa 1890.
• ***Ta' Randa:*** il-familja Scicluna li kienu maxtrudaxxi primi fis-seklu dsatax u li minnhom ħareġ is-surmast Carmelo Scicluna li dderieġa l-banda fis-snin għoxrinijiet u tletin.
• ***Ta' Ġoma;*** il-familja Zammit li x'uħud mill-anzjani tagħna għadhom jiftakru lil Lizju li spiċċa bħala kopjista u billiard marker fil-każin.
• ***Ta' Lisa:*** il-familja tan-nutar Agius li ta' min jgħid għandha rabta mat-tliet baned Qormin.
• ***Taċ-Ċenċulin:*** il-Familja Cutajar, illum Schembri u Micallef, li peress li kien joqgħod quddiem il-każin spiss Pietru Cutajar kien tard filgħaxija jmur jiċċekkja jekk il-bieb hux magħluq sew.
• ***Ta' l-Isprin:*** tas-Surmast Ciappara, qalbista u bastjaniż per eċċellenza.
• ***It-Tentila:*** erba' aħwa Bonnici li barra li kienu bandisti fis-snin tletin sal-ħamsinijiet, kienu attivi fit-teatrin u bosta minnhom kienu ukoll membri fil-kumitat. Dan l-aħħar dixxendenti ta' din il-familja, issa magħrufa bħala ***taż-Żebbuġ***, anki mexxew il-Bar tal-Każin. Ir-razza ***ta' Xkaffi***, oriġinarja min-Naxxar hi ukoll imħallta ma' din ir-razza.


*Emmanuel, Gioandrea, Antonio u Francis Bonnici (Familja tat-Tentiela)*

• ***Ta' Gawdenz:*** li sal-lum għad għandna lil Frans Saliba li jqodd il-katuba. Ma' din il-familja irridu nżidu lil ***Ta' Fleriku*** (ta' Nenu il-kaxxier) u lil ***ta' Pakki*** li huma mħalltin flimkien.
• ***Ta' Konsu l-Bajjad***: il-familja Baldacchino li tat lis-Soċjetà l-ewwel nisa bandisti.
• ***Taż-Żgħajjar:*** prinċipalment hi l-familja Saliba ta' ħdejn il-Knisja ż-żgħira għad li kien hemm ukoll familja Galea b'dan il-laqam. Dil-familja qalbista tat mhux biss numru ta' bandisti imma ukoll diversi membri tagħha okkupaw karigi importanti fil-Kamitat fis-snin għoxrin u tletin.
• Fl-aħħarnett il-familja ***taż-Żebbuġi***, kif hi magħrufa il-familja ta' Albino u Tarcisio Formosa, li matul iż-żmien għal erba' ġenerazzjonijiet tat- bandisti lil tal-Qalba. B'kollox il-bandisti minn din il-familja kienu sbatax. Ewlenin kienu l-aħwa Pawlu, Giorgio, Ġamri u Ġużeppi (li dam ħamsin sena jdoqq mal-banda). Imbagħad kien hemm l-aħwa Vitale, Tarcisio, Danjel u Albino u ulied dawn bħalma kienu Tarcisio u George ulied Daniel; Rita u Pawlu ulied Tarcisio; Pawlu iben ALbino; Maria u Dorianne neputijiet ta' Albino. Fil-preżent hemm Edward Montebello in-neputi ta' Albino. Mill-istess razza hemm s-surmast Frans Formosa, assistent tal-banda tagħna fis-snin ħamsin u sittin, li jiġi iben Ġamri.
• Laqmijiet oħra li jissemmew jinkludu Little Tony, Pikassu, ta' Sidor, ta' Kompra, il-Lawriż, ta' Peppi il-Mosti, il-Buttar, tas-Siegħ, id-Dalli, ta' Mexmex, ta' Brun, ta' Sosa, ta' l-Għawdxi, ta' Berberet, in-Naks, tal-Beċċuna (il-familja tas-surmast George Debono), il-Lajdi, ta' Ċnus, ta' Kristu, it-Tari, tat-Talkies, tan-Nassi, ta' Żlejku, tal-Makoj, tal-Fwied, tal-Ħaddied, tal-Ħut, tal-Bajd, ta' Brun, tal-Kalkara li tistgħu tarawhom fil-lista. Ilkoll familji li jiffurmaw parti mill-familja tal-Qalba.

Lil dawn in-nies kollha u lill-oħrajn li mhumiex imsemmija hawn nagħtu ġieħ u ħajr mill-qalb. J'Alla jkollna mezz aktar konret kif infakkru lil dawn il-bandisti permezz ta' ritratti. Għalhekk napprezza ħafna li kull min għandu aktar tagħrif dwar dawn in-nies jew xi ritratti tagħhom li jgħaddilna kopja ħalli 'l quddiem ukoll bħala parti mit-tifkira tal-150 sena tas-Soċjetà inkunu nistgħu nagħmlu tifkira permanenti tal-Qalbisti li stinkaw u taw il-ħidma tagħhom b'risq is-Soċjeta Filarmonika Pinto.

# LISTA TAL-BANDISTI ANTIKI mill-1905 sa 1920
**Kienet miġbura minn Giovanni Gatt (ex-bandist)**

| STRUMENT | ISEM | LAQAM |
|---|---|---|
| Klarinett | Naudi Trofimo | tat-Tabib |
| Baxx | Muscat George | tal-Marsa |
| Kuntrabaxx | Pulis George | ta' Kalanċ |
| Kuntrabaxx | Pulis Rosario | ta' Kalanċ |
| Baxx | George | ta' Barmel |
| Kurunetta | Agius Spiro | ta' Lisa |
| Kurunetta | Zammit Gingi (sic) | ta' Emilia |
| Kurunetta | Zarb Paul | ta' Santu |
| Flawt | Scicluna Salv | ta' Randa |
| Klarinett | Scicluna Carm | ta' Randa |
| Klarinett | Bugeja Vincenzo | ta' Lejku |
| Klarinett | Sammut Joe | Fra Pawl |
| Klarinett | Spiteri Salv | ta' Żinżla |
| Klarinett | Aquilina John | ta' Qila |
| Kwartin | Spiteri Andrea | ta' Żinżla |
| Kwartin | Mizzi Giov | ta' Żlejku |
| Klarinett | Portelli Joe | ta' Lagejt |
| Trum Armonjuż | Scicluna G.Maria | ta' Randa |
| Trum Kantabbli | Cutajar Saverio | ta' Ċenċulin |
| Sax Horn | Xiberras Fran | ta' Riketta |
| Sax Horn | Xerri George | ta' Zozz |
| Cassa (katuba) | Agius M.Ang | ta' Ġoma |
| Cassa (katuba) | Aquilina Paul | ta' Qila |
| Cassa (katuba) | Zammit Joe | ta' Ġoma |
| Althorn | Bonnici Joe | Tentila (Xkaffi) |
| Ewfonju | Bonnici George | Xkaffi |
| Tambur | Agius Michael | ta' Lisa |
| Baxx | Formosa Paul | ta' Żebbuġi |
| Baxx | Formosa George | ta' Żebbuġi |
| Baxx | Spiteri Frans | Kikku ta' Bumbardun |
| Baxx | Formosa Carm | ta' Labatri |
| Baxx | Genovese Gio. M. | tal-Bajd |
| Baxx | Diacono Franc | tal-Qassis |
| Sax Horn | Formosa Joe | ta' Żebbuġi |
| Trum Armonjuż | Spiteri George | |
| Trum Armonjuż | Calleja Salv | Slejgatu |
| Klarinett | Muscat Rafel | tal-Marsa |
| Klarinett | Diacono T. | |
| Trum Armonjuż | Attard Vincenzo | ta' Nuqqax |
| Trum Armonjuż | Muscat Joe | tal-Marsa |
| Flawt | Debono Pawl | ta' Nora |
| Klarinett | Sammut Carm | ta' Ċnus |
| Klarinett | Sammut Giov. | ta' Ċnus |
| Klarinett | Mangion Salv | ta' Mari il-Hoxna |
| Trum Armonjuż | Formosa Giov. | ta' Żebbuġi |
| Sax Horn | Formosa Joe | ta' Żebbuġi |
| Terzin | Ciappara George | ta' l-Isprin |
| Trum Kantabbli | Debattista Franc | ta' Toninu |
| Ewfonju | Zammit Peter | ta' Ġoma |
| Sax Horn | Azzopardi George | jisker |
| Klarinett | Portelli Salv | ta' Tumlu |
| Kurunetta | Montebello Giov | Makari |
| Kurunetta | Chircop Salv | ta' Mexmex |

# LISTA TAL-BANDISTI ANTIKI mill-1920 sa 1975

**Kienet miġbura minn Giovanni Gatt (ex-bandist)**

| | |
|---|---|
| Kwartin | Scicluna Carm Mro |
| Baxx | Bonnici Emle |
| Klarinett | Zammit Alessio |
| Klarinett | Cutajar Peter |
| Kornu | Apap Joe |
| Trum Armonjuż | Fenech George |
| Ottavin | Ciappara Joe |
| Terzin | Ciappara Ant |
| Klarinett | Ciappara Ġiġi |
| Terzin | Mizzi Fran |
| Klarinett | Galea Wiġi |
| Klarinett | Grech Sebastian |
| Klarinett | Casha Carm |
| Klarinett | Buttigieg Joe |
| Klarinett | Antonio |
| Klarinett | Bonnici Frans |
| Klarinett | Gatt Giov |
| Kwartin | Saliba Naz |
| Kurunetta | Schembri Lorenzo |
| Kurunetta | Zarb Emle |
| Kurunetta | Grech Sebastian |
| Kurunetta | Gerada Joe |
| Kurunetta | Cassar Feliċ |
| Kurunetta | Pulicino Salv |
| Kornu | Sammut Pawl |
| Kornu | Grech Gio.Maria |
| Kornu | Grech Joe |
| Sax Tenur | Grech Joe |
| Sax Alto | Casha Ant |
| Althorn | Bonnici Gio. And. |
| Althorn | Barbara P.Paul |
| Trum Kantabile | Mizzi Andrea |
| Ewfonju | Bonnici Ant |
| Trum Armonjuż | Formosa Vitale |
| Trum Armonjuż | Farrugia George |
| Trum Armonjuż | Peter |
| Baxx | Borg Gerald |
| Baxx | Debattista Rosario |
| Ottavin | Cardona Gabiriel |
| Ewfonju | Borg Carm |
| Trum Armonjuż | Bonnici Carm |
| Trum Armonjuż | Barbara Joe |
| Klarinett | Borg George |
| Klarinett | Ciantar Carm |
| Klarinett | Farrugia Ant |
| Klarinett | Genovese Joe |
| Klarinett | Mizzi Joe |
| Klarinett | Curmi Ant |
| Baxx | Cauchi Joe |
| Klarinett | Galea Emle |
| Kurunetta | Falzon George |
| Kornu | Farrugia Filip |
| Klarinett | Mallia Joe |
| Klarinett | Mifsud Carm |
| Klarinett | Muscat George |

| | |
|---|---|
| Klarinett | Debono Carm |
| Klarinett | Falzon Joe |
| Klarinett | Briffa Tomaso |
| Klarinett | Bartolo John |
| Klarinett | Camilleri Paul |
| Klarinett | Camilleri Vincent |
| Klarinett | Camilleri Joe |
| Klarinett | Grech Joe |
| Klarinett | Farrugia George |
| Klarinett | Sammut Gerald |
| Klarinett | Xuereb Carm |
| Klarinett | Spiteri Joe |
| Klarinett | Attard George |
| Kornu | Azzopardi Nenu |
| Kornu | Chricop Annetto |
| Kornu | Camilleri Bastjan |
| Kornu | Galea Joe |
| Kurunetta | Formosa Tarcisio |
| Kurunetta | Genovese Frans |
| Kurunetta | Genovese Joe |
| Kurunetta | Camilleri Filip |
| Tambur | Galea Ant |
| Tambur | Borg Paul |
| Tambur | Fenech An |
| Sax Alto | Galea Grezio |
| Klarinett | Camilleri Joe |
| Baxx | Formosa Carm |
| Baxx | Formosa George |
| Baxx | Formosa Albino |
| Kurunetta | Sandham Michael |
| Flawt | Sandham Ant |
| Klarinett | Sandham Carm |
| Baxx | Spiteri Carm |
| Klarinett | Mangion Ant |
| Kurunetta | Formosa Danjel |
| Klarinett | Zerafa Alf |
| Klarinett | Zammit Emle |
| Klarinett | Saliba Ludgardo |
| Klarinett | Saliba Frans |
| Klarinett | Falzon Carm |
| Klarinett | Azzopardi Alf |
| Althorn | Borg Eddy |
| Trum Armonjuż | Borg Carm |
| Kurunetta | Azzopardi Tarcisio |
| Kurunetta | Farrugia George |
| Klarinett | Camilleri Walter |
| Klarinett | Mejlak Ant |
| Klarinett | Formosa Fran |
| Obwe | Azzopardi Spiro |
| Trum Kantabile | Attard Pawl |
| Klarinett | Aquilina George |
| Klarinett | Abdilla Roby |
| Klarinett | Abdilla |
| Kurunetta | Bonnici George |
| Klarinett | Brincat Paul |

| | |
|---|---|
| Kwartin | Camilleri George |
| Kornu | Chircop Charlie |
| Klarinett | Formosa Tarcisio |
| Ewfonju | Formosa George |
| Sax Tenur | Gatt Philip |
| Klarinett | Gouder Mario |
| Klarinett | Gouder Henry |
| Klarinett | Spiteri Ivan |
| Althorn | Muscat John |
| Kornu | Muscat Bastjan |
| Klarinett | Vella Charlie |
| Klarinett | Vella Ant |
| Klarinett | Vassallo Joe |
| Klarinett | Zammit Felix |
| Kwartin | Cilia Vincent |
| Ewfonju | Camilleri Salv |
| Tambur | Camilleri Joe |
| Klarinett | Spiteri Charlie |
| Kwartin | Mifsud Joe |
| Kwartin | Calleja Nazio |
| Klarinett | Terribile Olav |
| Klarinett | Grech Lucy |
| Klarinett | Mifsud Josephine |
| Klarinett | Baldacchino Giorgina |
| Klarinett | Cilia Grace |
| Klarinett | Zerafa Mariolina |

| | |
|---|---|
| Sax Alto | Casha Sebastian |
| Sax Alto | Baldacchino Jane |
| Sax Alto | Baldacchino Sylvia |
| Sax Tenur | Farrugia John |
| Kurunetta | Cilia Joe |
| Kurunetta | Grech Charlie |
| Kornu | Vella Joe |
| Althorn | Camilleri Joe |
| Trum Kantabile | Formosa Paul |
| Ewfonju | Baldacchino Sebastan |
| Baxx | Debono George |
| Kurunetta | Cardona Raymond |
| Kurunetta | Cardona Jimmy |
| Kurunetta | Saliba Lorry |
| Katuba | Saliba Frans |
| Tambur | Camilleri Paul |
| Kurunetta | Muscat Twanny |
| Kornu | Sciberras George |
| Kwartin | Sciberras Joe |
| Kornu | Lawra Emle |
| Klarinett | Buhagiar Joe |
| Klarinett | Buhagiar Magret |
| Klarinett | Camilleri Narcisio |
| Sax Alto | Ciappara Dionisio |
| Sax Alto | Casha Ant |


# TELETRONIC CENTRE

T.v's, Videos, Dvds, Telephones, Car audio equipment & accessories, Home systems, Mobile & Cordless phones, Alarm clocks, Aerials, Cabinets
Also repairs on any type of Electronic Equipment.

## OPENING HOURS

Monday to Saturday: 8.30 a.m.- 12.00 p.m. - 4.00 p.m - 7.00 p.m.

Teletronic Centre
148, St. Sebastian Street, Qormi QRM 08 • Malta
**Tel: (+356) 2144 9078 - Mob: (+356) 7961 9532 | 9940 4449**
Email: teletroniccentre@global.net.mt